

31978D0923

L 323/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.11.1978

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Ġunju 1978

li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni ta' l-annimali miżmuma għal għanijiet tal-biedja

(78/923/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomika u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni ta' l-annimali miżmuma għal għanijiet tal-biedja (minn hawn il-quddiem riferuta bħala "il-Konvenzjoni") kien ġiet imħejjija fi ħdan il-Kunsill ta' l-Ewropa bil-għan li tipproteġi l-annimali miżmuma għal għanijiet tal-biedja, partikolarment is-sistemi tal-metodu tal-produzzjoni intensiva;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 70/373/KEE tal-20 ta' Lulju 1970 rigward l-introduzzjoni tal-metodi tal-kampjunar u l-analiżi tal-Komunità għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalf tal-bhejjem ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 76/372/KEE ⁽⁴⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tikkonċerna ż-żidiet ma l-għalf tal-bhejjem ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 78/117/KEE ⁽⁶⁾ u d-Direttiva

tal-Kunsill 74/63/KEE tas-17 ta' Diċembru 1973 dwar l-iffissar tal-livelli massimi permissibbli ta' sustanzi u prodotti mhux mixtieqa fl-għalf tal-bhejjem ⁽⁷⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 76/934/KEE ⁽⁸⁾, introduċew regoli komuni li jistgħu jaf-fettwaw il-Konvenzjoni, u speċjalment bl-implimentazzjoni ta' uħud mid-disposizzjonijiet tagħha;

Billi disposizzjonijiet oħrajn tal-Konvenzjoni jkopru oqsma li dwarhom il-Komunità għadha ma ntroduciex regoli komuni;

Billi l-protezzjoni ta' l-annimali mhiex minnha nnifisja waħda mill-għanijiet tal-Komunità; billi, b'dana kollu, hemm differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali eżistenti dwar il-protezzjoni ta' l-annimali miżmuma għal għanijiet tal-biedja li jistgħu joħlqu kondizzjonijiet mhux egwali tal-kompetizzjoni u li jistgħu konsegwentament ikollhom effett inderett fuq il-funzjonament xieraq tas-suq komuni;

Billi, aktar minn hekk, il-Konvenzjoni tittratta ma materji li huma koperti bl-istrategġja agrikola komuni;

Billi għandu għalhekk jidher li l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni hija meħtieġa għall-akwist ta' l-oġġettivi tal-Komunità;

Billi t-trobbija ta' merħliet ta' annimali fil-Groenlandja hija mwettqa f'kondizzjonijiet li huma fundamentalment differenti minn daww applikabli fir-reġjuni l-oħrajn tal-Komunità minħabba ċ-ċirkostanzi ġenerali u partikolarment il-klima, id-densità baxxa tal-popolazzjoni u d-daqs eċċezzjonali tal-gżira; billi, għalhekk, il-Konvenzjoni m'għandhiex tkun tapplika għall-Groenlandja,

⁽¹⁾ ĠU C 83, ta' l-4.4.1977, p. 43.

⁽²⁾ ĠU C 204, tat-30.8.1976, p. 26.

⁽³⁾ ĠU L 170, tat-3.8.1970, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU L 102, tal-15.4.1976, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 40, ta' l-10.2.1978, p. 19.

⁽⁷⁾ ĠU L 38, tal-11.2.1974, p. 31.

⁽⁸⁾ ĠU L 364, tal-31.12.1976, p. 20.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

IL-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni ta' l-annimali miż-
muma għal għanijiet tal-biedja hi hawnhekk approvata fisem
il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Konvenzjoni hu anness ma din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jiddeposita l-istrument ta'
l-approvazzjoni skond l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ⁽¹⁾.

Meta jseħħ id-depożitu ta' l-istrument ta' l-approvazzjoni,
il-President tal-Kunsill għandu, bi qbil mal-Artikolu 16 tal-
Konvenzjoni, jiddikjara li l-Konvenzjoni ma tkunx applikabbli
għall-Groenlandja.

Magħmula l-Lussemburgu, fid-19 ta' Ġunju 1978.

Fisem il-Kunsill

Il-President

P. DALSAGER

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għandha tkun ippublikata
fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-
Kunsill.